# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-23 TA' JANNAR 2020

**Kawza Numru: 8**

**Rik. Gur. 939/2019 RGM**

**Michael Debono Limited**
**(C 10002)**

**vs.**

**Saad El Hazzewi Muammar**
**(I.D. 38585A) u Stephania Grech**
**(I.D. 18372M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat ta' Michael Debono Limited** prezentat fit-3 t'Ottubru 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab s-segwenti:

1. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, fl-ammont ta' sitta u hamsin elf, seba' mija u erba' euro u tnejn u erbghin centezmu (€ 56,704.42) rapprezentanti:

a. in kwantu ghas-somma ta' **€ 33,556.89** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,421 (Dok. A) kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 2 sa 12 li huma skaduti u in kwantu ghal € 29,135.89 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu (Dok. B) u dan wara skrittura ta' Personal Contract Purchase (PCP) datat 26 ta' Settembru 2018 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni HBW-248 (Dok. C); u

b. in kwantu ghas-somma ta' **€ 23,147.53** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,838 (Dok. D) kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 16 sa 26 li huma skaduti u in kwantu ghal € 18,309.53 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu (Dok. E) u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 25 ta' Lulju 2017 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni FCM 681 (Dok. F);

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi, s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi għalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu l-imsemmi ammont, hija baqghet inadempjenti u ma hallsux.

4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom jhallsu s-somma ta' sitta u hamsin elf, seba' mija u erba' euro u tnejn u erbghin centezmu (€ 56,704.42) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' **€ 33,556.89** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,421 (Dok. A) kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 2 sa 12 li huma skaduti u in kwantu ghal € 29,135.89 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu (Dok. B) u dan wara skrittura ta' Personal Contract Purchase (PCP) datat 26 ta' Settembru 2018 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni HBW-248 (Dok. C); u in kwantu ghas-somma ta' **€ 23,147.53** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,838 (Dok. D) kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 16 sa 26 li huma skaduti u in kwantu ghal € 18,309.53 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu (Dok. E) u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 25 ta' Lulju 2017 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni FCM 681 (Dok. F);

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma min issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-4 ta' Dicembru 2019 li permezz taghha cediet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Stephania Grech.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu il-konvenuta Stephania Grech giet estromessa minn dawn il-proceduri.

Rat in-nota ta' ammissjoni ipprezentata fl-istess udjenza mill-Avukat tal-konvenut Saad El Hazzewi Muammar.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi fuq ammissjoni tal-konvenut Saad El Hazzewi Muammar tilqa' t-talbiet attrici limitatament fil-konfont tal-istess konvenut Saad El Hazzewi Muammar;

1. Tikkundanna lill-konvenut Saad El Hazzewi Muammar sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' **sitta u hamsin elf, seba' mija u erba' euro u tnejn u erbghin centezmu (€ 56,704.42)** rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' **€ 33,556.89** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,421 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 2 sa 12 li huma skaduti u in kwantu ghal € 29,135.89 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu u dan wara skrittura ta' Personal Contract Purchase (PCP) datat 26 ta' Settembru 2018 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni HBW-248 ; u in kwantu ghas-somma ta' **€ 23,147.53** rapprezentanti in kwantu ghal € 4,838 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 16 sa 26 li huma skaduti u in kwantu ghal € 18,309.53 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 25 ta' Lulju 2017 dwar il-vettura tat-tip Toyota CHR bin-numru ta' registrazzjoni FCM 681;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment mar-rikors guramentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**